QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 26 ta' April 2017**

**App. Nru. 364/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlot Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Charlot Borg, karta ta' l-identita` numru 555977(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Awwissu 2006 u fix-xhur ta' qabel mingħajr il-kunsens jew awtorita` ta' Maria Caruana qabad u daħal fir-razzett "St. Joseph", Triq il-Gudja, Tarxien, limiti tal-Gudja, kif ukoll kontra l-volonta` espressa u ċara ta' Maria Caruana eżerċita d-dritt li jippretendi li għandu, meta m'għandu l-ebda dritt mogħti lilu minn Maria Caruana li jidħol f'dan il-*farm* jew f'parti minnu u jikkapparrah;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-6 ta' Lulju 2013 li permezz tagħha ma sabitx lill-imsemmi Charlot Borg ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-26 ta' Lulju 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla u bla effett u sussegwentement tiddisponi minnha skond il-liġi;

**4.** Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali, iddikjarat is-sentenza appellata nulla u bla effett u ordnat il-prosegwiment fil-mertu;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' Charlot Borg esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Hawn si tratta tar-reat ta' *ragion fattasi* u sabiex jikkonfigura ruħu dan ir-reat iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

> **"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".**[1]

**7.** Maria Caruana xehdet li hi qatt ma tat permess lil xi ħadd minn uliedha biex ir-razzett jinkera lil ħaddieħor. Qalet li hi għandha tmint itfal u kollha ħadu biċċa. Tgħid li tathielhom biex jaħdmu l-art u mhux biex jikruha. Tgħid ukoll li t-tifel Ġużeppi jieħu ħsieb. Alfred Muscat mill-Uffiċċju Konġunt esebixxa pjanta (a fol. 102) li turi kif Maria Caruana qassmet l-art bejn uliedha.

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

**8.** Charlot Borg jgħid li l-ewwel ma għamel kien li xtara l-permess tal-baqar mingħand Joseph Caruana filwaqt illi Mario Caruana krielu l-post fl-2005/2006 u l-ftehim kien Lm100 fix-xahar. Meta sar il-ftehim kien hemm preżenti Joseph Bonnici u Karmenu Ellul. Jgħid li kellhom jagħmlu karta u din qatt ma saret. Malli daħal fil-post, Mario Caruana riedu joħroġ. Jgħid li ħallas ta' tmien xhur iżda meta ħallas ma kienx hemm xhieda preżenti.

**9.** Il-verżjoni ta' Mario Caruana hi differenti. Huwa xehed li ħuh Ċensu kien qallu li Charlot Borg ried iżomm erba' għoġġiela fil-post għal erbat ijiem. Qal li hu qatt ma kellu kuntatt dirett ma' Charlot Borg. Hu ma setax jidħol fir-razzett minħabba l-mard li kellu u ta ċ-ċwievet lil ħuh Ċensu biex ikunu jistgħu jidħlu. Qal li l-erbat ijiem għaddew u Charlot Borg baqa' hemm.

**10.** Il-verżjoni ta' Vincent Caruana hi kompletament differenti peress illi xehed illi hu ma kellux xi ftehim ma' Charlot Borg u qatt ma tkellem miegħu fuq il-post. Qal ukoll li lanqas jaf kif ġie biex iżomm l-annimali tiegħu fil-post, u li l-post jieħu ħsieb ħuh Mario Caruana.

**11.** Iż-żewġ xhieda msemmijin minn Charlot Borg, u cioe` Karmenu Ellul (missier il-mara ta' Charlot Borg) u Joseph Bonnici, it-tnejn ikkonfermaw li kienu preżenti għall-ftehim verbali li sar bejn Mario Caruana u Charlot Borg għall-kiri tal-post in kwistjoni. Karmenu Ellul saħansitra jgħid li kien ħiereġ wara l-ftehim u għajjatlu Mario Caruana u qallu: "Malli jkolli *car* ejja naddaf." Ellul jgħid li lil Caruana qallu: "Malli jkolli ċans immur innaddaf." Ellul ikompli jgħid li beda jnaddaf u Mario Caruana mar bit-*truck* Bedford sabiex jgħabbu l-imbarazz. Qabbad lil Leli Abela li ħadem miegħu xi tliet ġimgħat filwaqt li hu (Ellul) dam xi xahrejn u fuqhom. Skond Ellul, Mario Caruana kien jinsisti li jħaffef biex Charlot Borg iġib il-baqar.

**12.** Emanuel Abela kkonferma li kien qabbdu Karmenu Ellul biex jgħinu u dam xi xahar jgħinu. Mario Caruana kien jgħid lil Karmenu Ellul biex iħaffef sabiex iġib il-baqar. Meta lestew, Caruana qal lil Ellul biex ineħħi kollox minn hemm. Abela jgħid: "Jien kont sorpriż peress li l-ewwel qallu jħaffef u mbagħad qalilna inneħħu kollox minn hemm." Abela jgħid ukoll li meta kien qiegħed jaħdem hu, kien hemm baqar f'parti oħra tar-razzett, mhux fejn kienu qegħdin jaħdmu.

**13.** Meta jitqiesu l-verżjonijiet djametrikament opposti ta' l-aħwa Mario u Vincent Caruana, din il-Qorti hi tal-fehma li, a bażi tax-xiehda ta' Charlot Borg u dik mogħtija mix-xhieda tiegħu, meta Charlot Borg daħal fir-razzett, huwa għamel dan għax emmen li seta' jagħmel hekk a bażi ta' ftehim li laħaq ma' Mario Caruana. <u>Li ma kienx jaf Charlot Borg kien li Mario Caruana ma kellu l-ebda setgħa li jidħol f'tali ftehim.</u> Jiġifieri filwaqt illi Charlot Borg ġie li *de*

*facto* spolja lil Maria Caruana mit-tgawdija tar-razzett, hu la kellu opposizzjoni espressa tagħha u lanqas ma seta' jippresumi li kien hemm tali opposizzjoni ġaladarba kien ftiehem ma' Mario Caruana. Għalhekk, almenu in kwantu jirrigwarda l-perijodu msemmi fl-imputazzjoni dedotta, ma jistax jingħad illi l-imputazzjoni tirriżulta.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi ma ssibx lill-imsemmi Charlot Borg ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u minnha tilliberah.